**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 180/14/2 AL

**A B C f’isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ghan-nom ta’ uliedha minuri D u E C**

**vs**

**F C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ F C tad-9 ta’ Frar 2015, li permezz tieghu ippremetta :

Illi, il-kawza fl-ismijiet fuq premessi tikkoncerna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u il-kawza tinsab differita ghad-dsatax (19) ta’ Frar 2015;

Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa regolat bir-regim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti;

Illi rigward il-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt Ii l-attrici A B C

tikkontendi li ma hemmx x'jigi likwidat u diviz u dan ai termini tan-nota taghha tal-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), ir-rikorrenti intimat jirrileva illi l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti hija komposta mis-segwenti attiv u passiv :

i. Ghamara u Mobbli ohra, li jinsabu gewwa d-dar matrimonjali;
ii. Dejn rigwardanti socjeta DNA Import Limited (C 46869) ta' liema l-esponenti huwa azzjonista u liema socjeta giet kostitwita fiz-zwieg;
iii. Zewg vetturi;
    1) Vettura tat-tip Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni IAM 867;
    2) Vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni GBF 472;

Illi oltre dawn hemm ukoll mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u li jappartjenu esklussivament lill-esponenti li jinkludu, home gym, kumpressur, zewg (2) giljottini tal-madum, materjal tax-xoghol li kien jaghmel u ghodda ohra;

Illi fid-dawl tal-premess l-ebda parti ma tista' tbati l-pregudizzju kontemplat fl-Art. 55 (4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-kontendenti ilhom separati de facto sa minn Frar tas-sena elfejn u hdax (2011) u cioe ilhom separati de facto ghal iktar minn tlett (3) snin u konsegwentement l-iskop tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti illum spicca ghal kollox;

Illi per konsegwenza ikun iktar ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet jekk il-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara li r-regim matrimonjali illi ghandu japplika bejn il-kontendenti huwa tas-separazzjoni tal-beni;

3. Tordna li kopja tal-eventwali sentenza tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor illi din il-Qorti jirhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tas-27 ta' Marzu, 2015 ta' A B C, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti effettivament ma topponix ghat-talbiet kontenuti fl-imsemmi rikors sabiex titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 u biex jigi dikjarat illi r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-kontendenti minn issa 'l quddiem jkun dak tas-separazzjoni tal-beni;
2. Illi l-esponenti pero ma taqbilx ma dak dikjarat mill-intimat fil-premessi tal-imsemmi rikors fis-sens li gej –
   (i) Il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta Reg No IAM 867 kienet proprjeta parafernali tal-esponenti u nxtrat minnha qabel iz-zwieg;
   (ii) L-esponenti m'ghandha x'taqsam xejn ma kwalsijasi dejn li seta' ghamel l-intimat ad insaputa taghha u minghajr il-kunsens taghha fuq il-kumpannija DNA Import Limited; u
   (iii) L-intimat mhu intitolat ghal xejn (hlief xi ghodda li pero' ghalihom l-intimat irid ihallas ta' kemm ilhom jizgumbraw il-garaxx tal-genituri tal-esponenti) minn dak li kien hemm f'dik li kienet id-dar matrimonjali (u li huwa ilu snin twal illi abbandunaha) u liema dar hija prorjeta' tal-genituri tal-esponenti;

Rat id-digrieti taghha precedent;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza giet differita ghal sentenza dwar il-waqfien o meno tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba min-naha tar-rikorrenti F C sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet, tigi xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom u dan peress illi "per konsegwenza ikun iktar ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet jekk il-komunjoni ta' l-akkwisti tigi terminata". Illi l-intimata min-naha taghha ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti sabiex titwaqqaf il-komunjoni ta' l-akkwisti ai termini ta' l-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta u biex jigi dikjarat illi r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-kontendenti minn issa 'l quddiem ikun dak tas-separazzjoni tal-beni u dan hija regghet ikkonfermatu f'risposta ulterjuri taghha[1] ghal rikors tar-rikorrenti datat 26 ta' Gunju 2015[2]

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 55(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtiha l-fakolta' sabiex f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda, tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu that amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbaghti pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz odjern jidher li hemm qbil bejn il-partijiet fuq il-fatt li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom ghandha tigi xolta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

L-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

[1] Ara fol 17 tal-process tar-rikors odjern
[2] Ara fol 11 tal-process tar-rikors odjern

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Il-Qorti hija marbuta permezz ta' l-Artikolu 55(4) li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, hija tezamina u tara jekk xi

parti jew ohra tkunx sejra tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendent l-kawza.

Minkejja li fir-rikors odjern iz-zewg partijiet qeghdin jaqblu li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi mwaqqfa f'dan l-istadju, il-Qorti xorta wahda se tghaddi biex tezamina jekk fuq il-bazi ta' fatti li ghandha quddiemha s'issa, xi parti jew ohra hix se tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat bhala konsegwenza ta' dan il-waqfien.

Fir-risposta taghha datata 27 ta' Marzu 2015[3], l-intimata, filwaqt li tghid li taqbel li l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, issemmi li l-vettura IAM 867 hija propjeta parafernali taghha, kif ukoll illi hija m'ghandha x'taqsam xejn mad-dejn fuq il-kumpannija DNA Import Limited u li l-intimat m'hu intitolat ghal xejn hlief ghal xi ghodda.

Fil-kuntest ta' din ir-risposta, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti tar-rikors tieghu datat 9 ta' Frar 2015, l-ebda wahda mill-partijiet m'hi ser issofri xi pregudizzju mhux proporzjonat, u dan peress li kull parti tista' ttellgha l-provi li hemm bzonn li ttellgha rigward l-assi, parafernali u appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti li ssemmew kemm fir-rikors u kif ukoll fir-risposta. Ghalhekk fuq dawn il-assi msemmija l-Qorti taghti sentenza fl-ahhar tal-kawza meta tigi biex ixxolji l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu ngabru l-provi kollha. Hawnhekk il-Qorti se taghmel referenza ghal sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta, u kif imsemmija wkoll mir-rikorrenti[4], meta l-Qorti qalet hekk, *"L-istess irid jinghat ghal dak kollu li jaqa' taht il-kappa tal-komunjoni ta' l-akkwisti jew xi immobbli parafernali ta' l-istess partijiet stante li t-talba odjerna tkun applikabbli mid-data ta' dan id-digriet il-quddiem"*[5].

Ghar-rigward tar-rikors odjern, in vista tal-fatt li l-partijiet it-tnejn qeghdin jaqblu li ghandhom jigu milqugha t-talbiet tar-rikorrenti,

---

3 A fol 7 tal-process tar-rikors

4 Ara fol 12 tal-process tar-rikors

5 Grima Christopher vs Grima Liliana sentenza deciza fid-9 t'Ottubru 2014 (Rikors Numru 85/2011) minn din il-Qorti

u in vista' tal-fatt li wara li l-Qorti ezaminat l-atti kollha ma jirrizultax li l-partijiet b'xi mod se jsofru xi pregudizzju mhux proporzjonat, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet fir-rikors tal-konvenut datat 9 ta' Frar 2015 b'dan illi tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u tiddikjara li r-regim matrimonjali li ghandu japplika bejn il-kontendenti mil-lum il-quddiem huwa tas-separazzjoni tal-beni u qeghda tordna wkoll lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien gimgha minn mindu din is-sentenza preliminari tigi dikjarata *res judicata,* javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza.

L-ispejjez ta' din is-sentenza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.